Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9335 — Triton/Luxinva/IFCO Systems)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 140/10)

1. Fid-9 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Triton Managers V Limited (Jersey), Triton Fund V GP S.à r.l. (il-Lussemburgu), Triton Fund V F&F No. 3 General Partner Limited (Jersey) u TFF V Limited (Jersey) (flimkien imsejħa "Triton Fund V").

— Luxinvoa S.A. ("Luxinvoa", il-Lussemburgu).

— IFCO Systems B.V. ("IFCO Group", in-Netherlands).

Triton Fund V u Luxinva jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' IFCO Group. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Triton Fund V: tappartjeni għal grupp ta' fondi ta' ekwità privata indipendenti Ewropej ġestiti u rrakkomandati mill-grupp Triton (flimkien "Triton", iċ-Channel Islands). Il-fondi ta' ekwità privati ġestiti mill-grupp Triton, inkluż il-Fond Triton V, huma ddedikati biex jinvestu primarjament f'negozji ta' daqs medju bil-kwartieri tagħhom fl-Ewropa ta' Fuq, b'enfasi partikolari fuq negozji fi tliet setturi ewlenin: Servizzi Kummerċjali, Industrijali u Konsumatur/Saħħa.

— Luxinva: sussidjarja indiretta u proprjetà kollha kemm hi tal-Abu Dhabi Investment Authority ("ADIA") u hija s-sid ta' investimenti ta' ekwità privata. ADIA hija entità tal-gvern li s-sid tagħha huwa l-Emirat ta' Abu Dhabi. Hija tinvesti fondi allokati lilha mill-gvern ta' Abu Dhabi u tiġġestixxi portafoll ta' investiment dinji li huwa diversifikat f'diversi kategoriji ta' assi.

— IFCO Group: attiva fis-settur tal-imballaġġ tat-trasport tal-ikel. Huwa jipprovdi kontenituri tal-plastik li jistgħu jerġgħu jintużaw (reusable plastic containers, "RPC") li jintużaw primarjament biex jittrasportaw prodotti tal-ikel frisk (inklużi frott, ħxejjex, laħam u tjur, frott tal-baħar, bajd u prodotti tal-furnara) minn dawk li jkabbru jew mill-manifatturi sal-bejjiegħa tal-merċa. L-IFCO Group jipprovdi wkoll servizzi ta' ġestjoni fir-rigward tal-RPCs tiegħu, li jvarjaw mill-konsenja ta' containers nodfa lill-produtturi, il-ġbir tagħhom mingħand il-bejjiegħa bl-imnut, sat-tindif u l-iġjene tagħhom għall-użu mill-ġdid.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9335 — Triton/Luxinva/IFCO Systems

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË